*Konvenut:* Revoind Industriale di Pindaru Gelu Sas (Ruma, l-Italja)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex tikseb il-kundanna ta' Revoind Industriale di Pindaru Gelu sabiex tirrimborsa l-ammont tad-depożitu mħallas fil-kuntest tal-Ftehim ta' għotja għas-Shab Nru 632456, flimkien mal-interessi moratorji.

**Dispożittiv**

1) Revoind Industriale di Pindaru Gelu Sas hija kkundannata tħallas lill-impriża konġunta Clean Sky 2 is-somma ta' EUR 189 128,26, flimkien ma' interessi moratorji bir-rata annwali ta' 3,50 % b'effett, mis-7 ta' Frar 2017 sad-data talħlas sħiħ tad-dejn.

2) Revoind Industriale di Pindaru Gelu hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 231, 17.7.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ottubru 2021 – Enterprise commune Clean Sky 2 vs Revoind Industriale di Pindaru Gelu**

**(Kawża T-318/17)** (1)

***("Klawżola ta' arbitraġġ – Ftehim ta' sussidju konkluż fil – kuntest tas – Seba' Programm Qafas għar – riċerka, l – iżvilupp teknoloġiku u d – dimostrazzjoni (2007 – 2013) – Nuqqas ta' eżekuzzjoni tal – kuntratt – Rimbors tas – somom antiċipati – interessi moratorji – Proċedura fil – kontumaċja")***

(2022/C 2/36)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Enterprise commune Clean Sky 2 (rappreżentanti: B. Mastantuono, aġent, assistit minn M. Velardo, avukat)

*Konvenut:* Revoind Industriale di Pindaru Gelu Sas (Ruma, l-Italja)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex tikseb il-kundanna ta' Revoind Industriale di Pindaru Gelu sabiex tirrimborsa l-ammont tad-depożitu mħallas fil-kuntest tal-Ftehim ta' għotja għas-Shab Nru 325940, flimkien mal-interessi moratorji.

**Dispożittiv**

1) Revoind Industriale di Pindaru Gelu Sas hija kkundannata tħallas lill-impriża konġunta Clean Sky 2 is-somma ta' EUR 359 913,75, flimkien ma' interessi moratorji bir-rata annwali ta' 3,50 % b'effett, mis-7 ta' Frar 2017 sad-data talħlas sħiħ tad-dejn.

2) Revoind Industriale di Pindaru Gelu hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 231, 17.7.2017.